Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef A. Ellul

Appell 30/2007AE

**Raymond Aquilina**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija u Albert Balzan**

L-Erbgha, 23 ta' Marzu 2016.

L-attur harrek lill-konvenuti fejn talab li l-Kummisarju tal-Pulizija u Albert Balzan jigu kkundannati solidalment bejniethom jew min minnhom, sabiex ihallsuh is-somma ta' €8,152.81, danni li sofra minhabba l-ingann u agir frawdolenti ta' Albert Balzan u minhabba n-negligenza u t-traskuragni tal-Kummissarju tal-Pulizija, in konnessjoni mal-incident tat-traffiku li sehh fit-8 ta' Settembru 1999 fi Triq Dr. Nikola Zammit, Siggiewi, f'liema incident il-vettura tieghu tat-tip Fiat Uno (EAQ-578) garrbet hsarat estensivi tort unikament ta' Albert Balzan li kien qieghed isuq vettura ohra tat-tip Peugeot (JAP 213);

Il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija oppona wiegeb: (i) in linea preliminari l-attur kellu jindika a bazi ta' liema Artikolu fil-Ligi qed jivvanta l-pretensjonijiet tieghu kontrih; (ii) in linea preliminari wkoll, in-nuqqas ta' *locus standi* ta' l-attur sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna stante li ma rrizultax li huwa kellu incident awtomobilistiku ma' Albert Balzan fit-8 ta' Settembru 1999; (iii) in linea preliminari fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna hija preskritta fil-konfront tieghu; (iv) fil-mertu t-talbiet ta' l-attur huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt; u (v) huwa ma ghandux jehel spejjez.

Albert Balzan wiegeb: (i) ma hemm l-ebda rabta guridika bejnu u l-attur; (ii) mhux minnu li l-kawza bin-Numru 2602/99GCD tinsab abbandunata izda ghadha *sub judice*; u (iii) t-talba ghall-kundanna tad-danni ghandha tigi michuda.

B'nota prezentata fl-10 ta' Marzu 2009 (fol. 68) il-Kummissarju tal-Pulizija iddikjara li fir-rigward tal-preskrizzjoni kien qieghed jinvoka l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

B'sentenza tas-7 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet it-tieni u t-tielet eccezzjoni sollevati mill-Kummissarju tal-Pulizija, cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjoni sollevati mill-konvenut Albert Balzan; laqghet ir-raba' u hames eccezzjoni sollevati mill-Kummissarju tal-Pulizija, laqghet it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut Albert Balzan, u cahdet it-talba attrici bl-ispejjez ta' dawn il-procedura li ghandhom jigu sopportati interament mill-attur;

**Kwistjoni**.

Fit-8 ta' Settembru 1999 sehh incident tat-traffiku fi Triq Dr Nikola Zammit, Siggiewi bejn il-vettura Fiat Uno (EAQ 578) misjuqa minn iben l-attur, u l-vettura JAP 213 misjuqa mill-konvenut Balzan. L-attur jippretendi s-somma €8,152, danni li sofra fil-vettura tieghu minhabba allegat:

i. Agir frawdolenti ta' Balzan, ghaliex qal: *"… jiena ma stajtx nikklejmja mid-ditta assikuratrici ta' missier l-intimat li wkoll irrifjutat li tikkumpensani billi l-intimat ma kienx assigurat maghha"* (affidavit a fol. 82).
ii. Negligenza u traskuragni tal-Kummissarju tal-Pulizija;

L-attur isostni li l-appellat, li kien xufier tal-vettura JAP 213, ma kienx kopert mill-polza ta' assikurazzjoni li kellha l-vettura.

**Konsiderazzjoni**.

1. L-attur ilmenta li l-ewwel qorti naqset milli taghti piz ghal certu provi:

   i. Il-polza kienet f'isem Joseph Balzan u mhux il-konvenut. Kien jinkombi fuq il-konvenut li jaghti prova li hu kien kopert bil-polza. Haga li m'ghamilx.
   ii. Fit-twegiba, il-konvenut ma qalx li l-polza kienet tkoprih.
   iii. Dak li xehed l-attur ma giex kontradett ghaliex ma sarlux kontro-ezami mill-konvenut Balzan.
   iv. Fil-konfront ta' Balzan gie pprezentat kapitolu u naqas li jidher.

   Min-naha taghhom il-konvenuti wiegbu fejn fil-meritu ddikjaraw li qeghdin jaqblu mal-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti. Il-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta appell incidentali fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza li cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) peress li jsostni li t-terminu ta' sentejn jiddekorri mid-data tal-incident.

2. Wara li l-qorti rat l-atti tosserva:

   i. Irrizulta li fid-data tal-incident il-vettura kienet koperta minn polza ta' assikurazzjoni f'isem Joseph Balzan u mahruga minn Atlas Insurance Agency Limited.

   ii. Ladarba l-kaz tal-attur hu mibni fuq it-tezi li l-konvenut ma kienx kopert mill-polza, allura kellu obbligu li jressaq prova ta' dan. Il-fatt li l-polza hi f'isem Joseph Balzan m'hijiex prova li l-konvenut ma kienx *authorized driver* taht il-polza. Qalet sew l-ewwel qorti li l-ahjar prova dwar jekk il-konvenut Balzan kienx kopert mill-polza kellu jkun rapprezentant tal-Atlas. Prova ma saritx.

iii. L-ewwel qorti ma kellha l-ebda obbligu li temmen il-verzjoni tal-attur meta xehed: *"Illi fil-kors tal-kawza jiena skoprejt li l-vettura in kwistjoni qatt ma kienet assikurata fuq isem Albert Balzan izda kienet assikurata biss fuq isem missieru biss …."* (fol. 82). L-attur ma tax dettalji dwar meta sar jaf li l-polza ta' assikurazzjoni ma kinitx tkopri lill-konvenut. In kontro-ezami xehed: *"It-tifel tieghi kien qed jipprova jaghmel kuntatt mal-assikurazzjoni u fil-fatt kien hemm hekk li kien sar jaf li Balzan ma kienx assikurat"* (fol. 109). Jidher ghalhekk li l-attur ibbaza fuq dak li qallu ibnu Aaron Aquilina, li xehed: *"Jiena b'hekk kont mort l-assikurazzjoni biex naghmel claim u nithallas u minn hemmhekk irrizultali li Albert Balzan ma kellux kopertura t'assikurazzjoni"*. Pero' hemm prova li Atlas ghamlet offerta dwar kif kellha tinqasam ir-responsabbilta ghall-incident: *"With reference to the above, kindly note that our proposal to settle this pending matter is of 80:20 in favour of our insured Mr Joseph Balzan"* (Dok. RA5 a fol. 88). Fuq bazi ta' probabilita' tali offerta ma kinitx issir kieku Atlas kienet qeghda ssostni li ma kellhiex obbligu legali li taghmel tajjeb ghal jew parti mill-hsara li garrab l-attur. Hemm ukoll ix-xhieda tas-surgent Mario Mifsud li nvestiga l-incident (fol. 114). Hu veru li l-attur ipprezenta kapitolu u l-konvenut ma deherx, pero' kien fid-diskrezzjoni tal-qorti taccettax il-prezunta konfessjoni bhala prova, wara li tqies il-provi l-ohra. Haga li l-ewwel qorti ghamlet.

iv. L-attur ma spjegax kif ladarba kien hemm polza fuq il-vettura JAP 213, Atlas setghet tahrab mir-reponsabbilta legali li taghmel tajjeb ghad-danni (Kap. 104) fl-eventwalita' li jkun hemm sentenza ta' qorti civili li Balzan kien responsabbli ghall-incident. Ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument biss il-konvenut Balzan ma kienx *authorized driver* taht il-polza, m'hemmx prova li Atlas iddikjarat li ma tonorax claim fl-eventwalita' li jkun hemm sentenza ta' qorti civili kontra Albert Balzan. Prova li fil-fehma tal-qorti kienet essenzjali biex l-attur jirnexxi fit-talba tieghu.

v. Il-qorti lanqas ma tifhem lill-attur meta xehed: *"Illi in vista ta' dawn ir-raggiri jien sofrejt danni liema danni jammontaw ghal elfejn u mitt lira Maltin (Lm2,100) ghal liema danni huma responsabbli l-intimati solidalment jew min minnhom (Dok. C) minhabba l-inganni ipprattikati fuqi"* (fol. 83). Ma kien hemm xejn x'zomm lill-attur milli jharrek lill-konvenut ghad-danni f'kawza civili u jinvoka l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili, jekk kif qal hu l-incident sehh tort tal-konvenut. Dan apparti li m'hemmx prova ta' xi raggiri.

Wara li l-qorti qieset il-provi tikkonkludi li m'hemmx ic-cirkostanzi mehtiega sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel qorti.

3. Ghal dak li jirrigwarda l-appell incidentali, il-qorti tosserva li dan tilef il-htiega tieghu gialadarba fir-rigward tal-meritu s-sentenza tal-ewwel qorti ser tibqa' kif inhi. Pero' f'kull kaz il-qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel qorti, in kwantu:

i. L-azzjoni tal-attur fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija hi bazata fuq l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili. M'hemmx kontestazzjoni li l-preskrizzjoni li tapplika hi ta' sentejn (Artikolu 2153 tal-Kodici Civili).

ii. L-incident tat-trafikku sehh fit-8 ta' Settembru 2009, u fis-6 ta' Frar 2007 il-konvenut ipprezenta l-kawza. Skond l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili, it-terminu jibda *"minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss"*. L-attur xehed: *"Fir-rigward tal-Pulizija nghid li hassejtni ngannat ghar-raguni illi l-istess Pulizija messha ghamlet xogholha u ccekjat jekk Balzan kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni"* (fol. 99). L-incident gie nvestigat dakinhar. Ghalhekk jekk kien hemm xi nuqqas, sehh proprju dakinhar tal-incident u s-sentejn bdew jiddekorru minn dakinhar. Pero' dan mhux dak li qalet l-ewwel qorti (ara pagna 6 tas-sentenza[1]). F'dan il-kuntest hu rilevanti dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza **Mizzi Estates Limited vs Frank Borda Limited** tal-31 ta' Ottubru 2014, li wkoll kienet titratta eccezzjoni ta' preskrizzjoni taht l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili:

> ***"Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta ssir il-hsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-hsara***[2]*. Fil-kawza Xuereb v. Agius, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih". It-test huwa wiehed oggettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-hsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza Mohnani v. Stivala, deciza fil-11 ta' Gunju, 2010, qalet:*

[1] Il-qorti qalet: *"B'hekk fil-fehma tal-qorti l-jedd ta' attur li jipprocedi kontra l-Kummissarju tal-Pulizija ghall-allegata negligenza u traskuragni tieghu fir-rigward tal-investigazzjoni ta' l-imsemmi incident skatta biss minn dakinhar li l-attur sar jaf li fiz-zmien tal-incident Albert Balzan ma kienx debitament kopert bil-polza ta' assikurazzjoni"*. F'kull kaz il-qorti lanqas temmen il-verzjoni li nghatat. Fuq bazi ta' probabilita' ladarba mill-provi rrizulta li l-attur involva lill-kumpannija ta' assikurazzjoni tieghu, hekk biss tista tispjega l-fax datata 22 ta' Ottubru 1999 (fol. 88), jekk kien hemm problema bil-kopertura tal-konvenut Balzan, dan 'il fatt kien ser ifegg proprju f'dak iz-zmien. Dan meta tqies li dak id-dokument hu l-ahjar prova li kienu ghaddejjin trattattivi bejn il-kumpanniji ta' assikurazzjoni taz-zewg vetturi. Ovvjament il-logika tghidlek li l-attur kien infurmat b'dak li kien ghaddej u x'kien qieghed jirrizulta.

[2] Enfazi mizjuda.

*"jibda biex jigi registrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodici Civili, "bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies talistat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-ligi allura kien dak oggettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom jorigina d-dritt tal-attur li jagixxi, mhux ittest soggettiv ghall-persuna tal-attur u cioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni" ("Raphel Micallef -vs- Anthony Agius", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbaghad, "iz-zmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Jannar 1953")".*

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-attur Aquilina.**
2. **Tilqa' l-appell incidentali u tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti fis-sens li tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (Artikolu 2153 tal-Kodici Civili). Spejjez a karigu tal-attur Aquilina.**

Anthony Ellul.